SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

9 ta' Marzu 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 543/2008 — Artikolu 15(1) — Artikolu 16 — Tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr — Limitu massimu tal-kontenut ta' ilma — Obsolexxenza ta' dan il-limitu — Modalitajiet prattiċi tal-kontrolli — Analiżi kontradittorji — Regolament Nru 612/2009 — Artikolu 28 — Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli — Kundizzjonijiet għall-għoti — Kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fis-suq — Prodotti li jistgħu jiġu kkumerċjalizzati taħt kundizzjonijiet normali"

Fil-Kawża C-141/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal administratif de Rennes (Franza) (qorti amministrattiva ta' Rennes), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Marzu 2015, fil-proċedura

Doux SA, taħt verifika,

vs

Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász (Relatur), C. Vajda, K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Marzu 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Doux SA, minn J. Vogel, M. Leroy u M. Lantourne, avukati,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u R. Coesme kif ukoll minn C. Candat u A. Daly, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Schima u A. Lewis kif ukoll minn K. Skelly, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2016,

* * Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU 2008, L 157, p. 46), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1239/2012, tad-19 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2012, L 350, p. 63), kif ukoll tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009, tas-7 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU 2009, L 186, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2011, tat-23 ta' Frar 2011 (ĠU 2011, L 49, p. 16).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Doux SA, taħt verifika, irrappreżentata minn Sophie Gautier u l-SCP Valliot-Le Guenevé-Abittbol, fil-kapaċità tagħhom bħala amministraturi ġudizzjarji, u l-Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer) fir-rigward tal-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzojni, barra mill-Unjoni Ewropea, ta' lottijiet ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 jipprovdi:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(5) u ta' l-Artikolu 17(3), it-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr, jista' jitqiegħed fis-suq permezz ta' negozju jew kummerċ fi ħdan il-Komunità biss jekk il-kontenut ta' ilma ma jkunx jaqbeż il-valuri li teknikament ma jistgħux jiġu evitati stabbiliti bil-metodu ta' analiżi deskritt fl-Anness VI (metodu tat-tqattir) jew dak ta' l-Anness VIIa (metodu kimiku)."

4 L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. Għandhom isiru kontrolli regolari skont l-indikazzjonijiet li jidhru fl-Anness IX fuq l-assorbiment tal-ilma jew kontrolli skont l-Anness VI fil-biċċeriji, talanqas darba f'kull perjodu ta' xogħol ta' tmien sigħat.

Fejn dawn il-kontrolli juru li l-ammont ta' ilma assorbit huwa iktar mill-volum totali ta' ilma permess taħt it-termini tar-Regolament, jingħata kas ta' l-ilma assorbit mill-karkassi matul il-fażijiet ta' l-ipproċessar li mhumiex soġġetti għall-kontrolli, u fejn, fi kwalunkwe każ, l-ammont ta' ilma assorbit huwa akbar mill-istandards imsemmija fil-punt 10 ta' l-Anness IX, jew il-punt 7 ta' l-Anness VI, l-aġġustamenti tekniċi neċessarji għas-sistema tal-preparazzjoni għandhom isiru immedjatament mill-biċċerija.

2. Fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni inċiż, u fi kwalunkwe każ, talanqas darba kull xahrejn, il-kontrolli fuq il-kontenut ta' ilma fuq tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr imsemmija fl-Artikolu 15(1), isiru permezz ta' kkampjunar, għal kull biċċerija, skont l-indikazzjonijiet tal-Annessi VI jew VII, magħżula mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru. Dawn il-kontrolli ma għandhomx isiru għall-karkassi li għalihom tkun mogħtija prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li huma maħsuba esklussivament għall-esportazzjoni.

3. Il-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom isiru minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetneti jistgħu, fil-każijiet speċifiċi, jagħmlu aktar riġoruži għal biċċerja partikolari d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, u partikolarment l-indikazzjonijiet tal-Anness IX, punti 1 u 10, u tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta jidher meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-kontenut totali tal-ilma permess skont dan ir-Regolament.

F'kull każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn lott tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jitqies mhux konformi ma' dan ir-Regolament, ikomplu jeżaminaw bil-frekwenza minima ta' kontrolli li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2 biss wara li tliet kontrolli suċċessivi skont l-Annessi VI jew VII, li għandhom isiru permezz ta' teħid ta' kampjuni minn tlitt ijiem differenti ta' produzzjoni fi żmien massimu ta' erba' ġimgħat, ikunu taw riżultati negattivi. L-ispejjeż ta' dawn il-verifiki għandhom jitħallsu mill-biċċerija kkonċernata.

4. Fejn, fil-każ ta' tkessiħ bl-arja, ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 juru konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Annessi VI sa IX matul il-perjodu ta' sitt xhur, il-frekwenza tal-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 tista' titnaqqas għal darba fix-xahar. Kull nuqqas li jitħarsu l-kriterji pprovduti f'dawn l-Annessi għandhom jirriżultaw fl-applikazzjoni mill-ġdid ta' verifiki kif imsemmi fil-paragrafu 1.

5. Jekk ir-riżultat tal-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 huwa iżjed mil-limiti ammissibbli, il-lott ikkonċernat għandu jitqies bħala mhux konformi ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, madankollu, il-biċċerija kkonċernata tista' titlob li titwettaq kontro-analiżi f'laboratorju ta' referenza ta' Stat Membru, bl-użu ta' metodu li għandu jintgħażel mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. L-ispejjeż ta' din il-kontro-analiżi għandhom isiru mid-detentur tal-lott.

6. Fejn, jekk ikun hemm bżonn wara kontro-analiżi bħal din, il-lott imsemmi jitqies li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jħallu lott bħal dan jitqiegħed fis-suq kif inhu, fi ħdan il-Komunità, biss taħt il-kundizzjoni li sew l-imballaġġ individwali sew dak bl-ingrossa tal-karakassi kkonċernati jiġi mmarkat mill-biċċerija taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti bi strixxa jew tikketta li jkollha fuqha għallinqas waħda mill-indikazzjonijet elenkati fl-Anness X b'ittri ħomor kbar.

Il-lott imsmemi fl-ewwel inċiż jibqa' taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti sakemm jiġi ttrattat konformi għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu prezenti jew jekk ikun hemm dispożizzjonijiet mod ieħor. Jekk jiġi ċċertifikat lill-awtorità kompetenti li l-lott imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi esportat, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex iżżomm il-lott imsemmi milli jitqiegħed fis-suq fi ħdan il-Komunità.

L-indikazzjonijiet ipprovduti fl-ewwel inċiż ikunu mmarkati f'post li jispikka b'tali mod li jkunu viżibbli faċilment, li jkunu jistgħu jinqraw b'mod ċar u li ma jistgħux jitħassru. Ma għandhomx ikunu moħbija, mgħottija jew imfixkla minn materjal ieħor miktuba jew minn stampi. L-ittri għandhom ikunu għoljin talanqas 1 ċm fuq l-imballaġġ individwali u 2 ċm fuq l-imballaġġ ta' kwantità."

5 L-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 543/2008 huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri prattiċi għall-kontrolli li għalihom hemm ipprovdut f'dan l-Artikolu f'kull fażi tat-tqegħid fis-suq, inklużi l-kontrolli fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fiż-żmien tar-rilaxx mid-dwana skont l-Annessi VI u VII. Għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri. Kull tibdil ta' dawn il-miżuri għandu jiġi kkomunikat minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni."

6 L-Anness VI ta' dan ir-regolament, intitolat "Kejl tat-telf ta' l-ilma mat-tidwib (Test tat-taqtir)", jipprovdi fil-punt 7 tiegħu, intitolat "L-evalwazzjoni tar-riżultat":

"Jekk it-telf medju tal-ilma tal-20 karkassa fil-kampjun malli jinħall is-silġ jaqbeż il-perċentwali mogħtija hawn taħt, l-ammont ta' ilma assorbit matul l-ipproċessar jitqies li jaqbeż il-limitu permissibbli.

Il-perċentwali huma fil-każ ta':

tkessiħ bl-arja: 1.5 %,

tkessiħ b'raxx ta' arja: 3.3 %,

tkessiħ b'immersjoni: 5.1 %.

[…]"

7 L-Anness VII tal-istess regolament, intitolat "Kalkolu tal-kontenut titali ta' ilma fit-tiġieġ (Test kimiku)", jiddeskrivi l-proċess kimiku li jippermetti d-determinazzjoni ta' dan il-kontenut.

8 L-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009 jipprevedi:

"L-ebda rifużjoni m'għandha tingħata fuq prodotti li ma jkunux ta' kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq fid-data li fiha d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tiġi aċċettata.

Il-prodotti għandhom jiġu meqjusa li jissodisfaw il-ħtiġiet stabbilit fl-ewwel subparagrafu jekk dawn ikunu jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq fit-territorju tal-Komunità taħt kondizzjonijiet normali permezz tad-deskrizzjoni li tkun tidher fuq l-applikazzjoni għar-rifużjonijiet u jekk, fejn dawn il-prodotti huma intenzjonati għal konsum uman, l-użu tagħhom għal dak l-għan ma jkunx eskluż jew sostanzjalment imfixkel minħabba l-karatteristiċi jew il-kondizzjoni tagħhom.

Il-konformità tal-prodotti mal-ħtiġiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandha tkun eżaminata skont l-istandards jew il-prattiċi eżistenti fil-Komunità.

B'dana kollu, ir-rifużjonijiet għandhom ukoll jingħataw meta, fil-pajjiż tad-destinazzjoni, il-prodotti esportati jkunu suġġetti għal kondizzjonijiet obligatorji, partikolarment kondizzjonijiet dwar is-saħħa u l-iġjene, li ma jkunux konformi mal-istandards jew il-prattiċi eżistenti ġewwa l-Komunità. Għandha tkun ir-responsabbilità tal-esportatur, fuq talba mill-awtorità kompetenti, li jagħti prova li l-prodotti jkunu konformi mal-kondizzjonijiet obligatorji eżistenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti."

9 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2008, tas-17 ta' Diċembru 2008, dwar il-monitoraġġ, permezz ta' verifiki fiżiċi tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li qegħdin jirċievu rifużjonijiet jew somom oħra (ĠU 2008, L 339, p. 53), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 278/2010, tal-31 ta' Marzu 2010 (ĠU 2010, L 86, p. 15), jipprevedi, fl-Artikolu 5(4) tiegħu:

"L-uffiċċju tad-dwana tal-esportazzjoni għandu jaċċerta l-konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament [tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999, tal-15 ta' April 1999, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 129)]. Fejn hemm raġunijiet speċifiċi għal suspett dwar il-kwalità ġenwina, tajba u negozjabbli tal-prodott, l-uffiċċju tad-dwana tal-esportazzjoni għandu jivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Komunità, partikolarment dawk marbuta mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali."

10 Ir-Regolament Nru 800/1999 ġie mħassar bir-Regolament Nru 612/2009. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 21(1) kienet identika għal dik tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009.

11 Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi doganali modernizzat) (ĠU 2008, L 145, p. 1, il-"Kodiċi doganali"), imħassar bir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Ottubru 2013, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1), kien jipprovdi, fl-Artikolu 118(2) tiegħu, li l-persuna li tagħmel dikjarazzjoni kellha d-dritt tkun preżenti jew li tkun irrappreżentata meta tiġi eżaminata l-merkanzija jew meta jittieħdu kampjuni minnha.

12 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) ta' dan il-kodiċi, dan id-dikjarant seta' jitlob eżami jew teħid ta' kampjuni addizzjonali ta' merkanzija meta kien iqis li r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ma kinux validi.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

13 Fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha ta' produzzjoni u ta' tqegħid fis-suq ta' laħam tat-tjur, Doux tesporta tiġieġ iffriżat lejn pajjiżi terzi. Sabiex tirċievi rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, hija tat garanziji. Fost il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dawn ir-rifużjonijiet, hemm l-obbligu li l-prodotti esportati jkunu "ta' kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq" konformement mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009.

14 FranceAgriMer, stabbiliment pubbliku amministrattiv irregolat mid-dritt Franċiż inkarigat mill-għoti tas-sussidji nazzjonali u tal-Unjoni, wettaq kontrolli fuq tiġieġ prodott minn Doux, għall-esportazzjoni, u kkonstata li l-kontenut ta' ilma ta' dan it-tiġieġ kien jaqbeż il-limiti regolamentari previsti fl-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008. Konsegwentement, FranceAgriMer issospenda, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 2013, ir-rilaxx tal-garanziji relatati mat-talbiet ta' rifużjonijiet irreġistrati wara l-21 ta' April 2013.

15 Permezz tar-rikors tagħha ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2013, Doux adixxa lill-qorti tar-rinviju b'talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' FranceAgriMer. Hija ssostni li din id-deċiżjoni hija vvizzjata bi żball ta' liġi inkwantu tissuġġetta l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal-laħam tat-tiġieġ iffriżat fuq il-kontenut ta' ilma ta' dan il-laħam, meta l-limiti msemmija fl-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament ma humiex applikabbli għall-imsemmi laħam meta din tkun intiża li tiġi esportata barra mill-Unjoni.

16 Barra minn hekk, Doux issostni li l-fatt li dawn il-limiti ta' kontenut ta' ilma nqabżu ma jaffettwax il-"kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq", fis-sens tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009, tal-prodotti esportati u li l-prodotti tagħha huma konformi mar-regoli u mal-użanzi tal-pajjiżi ta' destinazzjoni. Ulterjorment, skont Doux, l-imsemmija limiti saru, fl-assenza ta' reviżjoni, inadatti u obsoleti.

17 FranceAgriMer isostni li, skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009, ma għandhomx jingħataw rifużjonijiet jekk il-prodotti inkwistjoni ma jistgħux jiġu kkumerċjalizzati ġewwa l-Unjoni taħt kundizzjonijiet normali u jekk dawn il-prodotti ma jkunux ta' "kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fis-suq" fid-data meta d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tiġi aċċettata. Laħam tat-tiġieġ iffriżat li l-kontenut ta' ilma tiegħu jkun jaqbeż il-limiti msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 543/2008 ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009, u għaldaqstant l-esportazzjoni tiegħu ma għandux jagħti dritt għall-għoti ta' rifużjoni. FranceAgriMer josserva li, matul is-snin 2012 u 2013, 98 % kontrolli mwettqa fuq il-laħam tat-tiġieġ esportat minn Doux taw riżultati mhux konformi ma' dan ir-rekwiżit.

18 Fir-rigward tal-kontrolli mwettqa fuq il-kontenut ta' ilma tat-tiġieġ iffriżat fil-kawża prinċipali, Doux issostni li dawn ma jistgħux jiġu invokati kontriha peress li l-leġiżlatur Franċiż ma ddeċidiex il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-kontrolli previsti fl-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 543/2008 għall-istadji kollha ta' tqegħid fis-suq. Din il-kumpannija tikkontesta, barra minn hekk, ir-rifjut minn FranceAgriMer tat-talba tagħha li tikseb, b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(5) ta' dan ir-regolament, it-twettiq ta' analiżi kontradittorja, hekk kif huwa previst fil-każ fejn ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fl-Artikolu 16(2) tal-imsemmi regolament imorru lil hinn mil-limiti aċċettati.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal administratif de Rennes (Franza) (qorti amministrattiva) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-limitu ta' kontenut ta' ilma stabbilit permezz tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 u l-Annessi VI u VII tiegħu jikkostitwixxi rekwiżit ta' 'kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq' fis-sens tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 u tas-sentenza Nowaco Germany GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas tas-7 ta' Settembru 2006?

2) Tjur iffriżat li jaqbeż il-limitu ta' kontenut ta' ilma stabbilit permezz tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 u l-Annessi VI u VII tiegħu, akkumpanjat b'ċertifikat ta' ikel tajjeb għas-saħħa maħruġ mill-awtorità kompetenti, jista' jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni f'kundizzjonijiet normali fis-sens tal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 u, jekk ikun il-każ, f'liema kundizzjonijiet?

3) Il-fatt li l-limitu ta' kontenut ta' ilma baqa' stabbilit għal 5.1 % skont l-Anness VI tar-Regolament [Nru 543/2008] u mhux mibdul għal diversi għexur ta' snin minkejja l-allegati modifiki fil-prattiki ta' trobbija u l-kritiki espressi f'ċerti studji xjentifiċi dwar il-fatt li dan il-valur limitu ma għadux jgħodd huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, mal-prinċipju ta' ċertezza legali?

4) L-Annessi VI u VII tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huma suffiċjentement preċiżi sabiex isiru l-kontrolli previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament [Nru 543/2008] jew huwa l-każ li Franza kellha tiddefinixxi l-'miżuri prattiċi għall-kontrolli' 'f'kull fażi tat-tqegħid fis-suq' sabiex il-kontrolli mwettqa matul il-fażi ta' esportazzjoni tal-prodotti jkunu jistgħu jiġu invokati?

5) It-talbiet għal analiżi kontradittorja li japplikaw, skont id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 16(2) u (5) tar-Regolament Nru 543/2008, għar-riżultati tal-kontrolli fil-biċċeriji jistgħu jiġu estiżi għall-kontrolli mwettqa fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti esportati, u dan fil-preżenza tal-partijiet, skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tielet domanda

20 Peress li t-tielet domanda tirrigwarda l-validità tal-limiti tal-kontenut ta' ilma fil-laħam tat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr, imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 543/2008, ikun opportun li fl-ewwel lok tiġi eżaminata din id-domanda.

21 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-validità tal-limiti ta' kontenut ta' ilma fil-laħam tat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr, iddefiniti fl-Artikolu 15(1) u fl-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008, sa fejn jidher li dawn il-limiti huma obsoleti.

22 F'dan is-sens, fir-rigward tal-preġudizzju allegat fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali għandu jitfakkar li dan jirrikjedi li leġiżlazzjoni tal-Unjoni jippermetti lill-persuni kkonċernati jsiru jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li din timponi fuqhom u li dawn tal-aħħar jistgħu jsiru jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u li b'konsegwenza ta' dan jieħdu l-provvedimenti li jeħtieġu (sentenzi tal-10 ta' Marzu 2009, Heinrich, C-345/06, EU:C:2009:140, punt 44, kif ukoll tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 68).

23 Issa, l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 543/2008 kif ukoll l-Annessi VI u VII ta' dan tal-aħħar jiddefinixxu b'mod ċar il-kontenut u l-portata tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu. Dawn id-dispożizzjonijiet jiddeterminaw mingħajr ambigwità kemm il-prodotti marbuta magħhom, jiġifieri t-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr, kif ukoll il-limitu tal-kontenut ta' ilma li ma għandux jinqabeż.

24 Barra minn hekk, l-assenza ta' reviżjoni tal-valuri massimi tal-kontenut ta' ilma previsti mill-imsemmi regolament għal-laħam tat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr, bil-konsegwenza li s-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali baqgħet kif kienet, ma hijiex tali li tippreġudika l-prinċipju ta' ċertezza legali.

25 Fir-rigward tal-argument ta' Doux ibbażat fuq il-fatt li l-limiti tal-kontenut ta' ilma previsti mir-Regolament Nru 543/2008, li jikkorrispondu għal dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2891/93, tal-21 ta' Ottubru 1993, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1538/91 li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' tqegħid fis-suq għal-laħam tat-tjur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 15, p. 160), huma illegali minħabba n-natura obsoleta tagħhom, peress li l-kontenut ta' ilma fiżjoloġiku tat-tjur żied b'mod sinjifikanti mis-sena 1993 'l hawn u peress li dawn il-limiti ma humiex iżjed adegwati mal-kuntest ġdid li fih huma għandhom japplikaw, jeħtieġ li jiġi osservat li la n-numru ta' snin li ddekorrew sa mill-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-valur massimu ta' kontenut ta' ilma tal-laħam tat-tiġieġ iffriżat u lanqas l-istudji xjentifiċi ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li jikkonkludu l-ħtieġa ta' żieda fl-imsemmija limiti, ma huma, f'dan il-każ, tali li jqiegħdu inkwistjoni l-validità tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 543/2008 kif ukoll tal-Annessi VI u VII tiegħu.

26 Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi fdati lilu fil-qasam tal-agrikoltura meta jintalab iwettaq evalwazzjonijiet kumplessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Lidl, C-134/15, EU:C:2016:498, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan huwa l-każ f'dak li jirrigwarda l-għażla dwar jekk għandhiex issir jew le reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fir-rigward tal-limiti ta' kontenut ta' ilma fit-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr.

27 Issa, ebda element invokat minn Doux u mill-partijiet ikkonċernati l-oħra li ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jistabbilixxi ksur manifest tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali li għandu l-leġiżlatur fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika agrikola komuni.

28 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li, fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni indikat li osservat l-iżviluppi li kienu tali li jsiru neċessarji reviżjonijiet fil-limiti ta' kontenut ta' ilma previsti mir-Regolament Nru 543/2008 għat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr billi żiedet tgħid li, anki jekk il-kontenut ta' ilma fiżjoloġiku fit-tiġieġ fil-preżent huwa kemxejn ogħla minn dak osservat matul is-sena 1993, bidla eventwali fil-limiti tal-kontenut ta' ilma tagħti verosimilment lok għat-tnaqqis tagħhom u mhux għaż-żieda tagħhom sa fejn il-progress tekniku jkun jippermetti li jitnaqqas l-assorbiment ta' ilma ta' natura esterna waqt il-preparazzjoni ta' dan il-laħam.

29 Fir-rigward tal-argument ta' Doux li l-limiti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007, L 299, p. 1), fid-data tal-adozzjoni tagħhom, sa fejn dan ir-regolament jinkludi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90, tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar l-istandards tal-marketing għal-laħam tat-tjur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 92), li s-seba' premessa tiegħu kienet issemmi n-natura essenzjalment teknika tal-problemi li setgħu jirriżultaw u tal-ħtieġa probabbli li jiġu introdotti tibdiliet b'mod frekwenti, għandu jiġi osservat li ebda wieħed minn dawn iż-żewġ regolamenti ma jimponi obbligu partikolari għat-twettiq ta' reviżjoni perijodika tal-limiti tal-kontenut ta' ilma.

30 Għalhekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-eżami tat-tielet domanda ma jiżvela ebda element tali li jaffettwa l-validità tal-limiti ta' kontenut ta' ilma tal-laħam tat-tiġieġ iffriżat iddefiniti fl-Artikolu 15(1) u fl-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008.

Fuq l-ewwel u t-tieni domandi

31 Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr li l-kontenut ta' ilma tiegħu jaqbeż il-limiti ffissati mir-Regolament Nru 543/2008 jistgħu jitqiegħdu fis-suq taħt kundizzjonijiet normali fit-territorju tal-Unjoni u jissodisfaw ir-rekwiżit ta' kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq, sakemm ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' ikel tajjeb għas-saħħa maħruġ mill-awtorità kompetenti.

32 L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 543/2008 jipprojbixxi, bħala prinċipju, it-tqegħid fis-suq ġewwa l-Unjoni tat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr li l-kontenut ta' ilma tiegħu jaqbeż il-valuri massimi ffissati fl-Anness VI jew VII.

33 It-tqegħid fis-suq ta' tali tiġieġ huwa possibbli biss b'mod eċċezzjonali, meta jiġu osservati l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16(6) ta' dan ir-regolament.

34 Ir-regoli ta' tqegħid fis-suq għat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr stabbiliti mill-imsemmi regolament japplikaw biss għall-prodotti mqiegħda fis-suq ġewwa l-Unjoni u mhux għal dak esportat lejn pajjiżi terzi.

35 B'hekk, it-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jista' jiġi esportat barra mill-Unjoni mingħajr ma jkun suġġett għall-kontroll imsemmi fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 543/2008, mingħajr ma jkollu josserva l-limiti tal-kontenut ta' ilma ffissati fl-Annessi VI jew VII ta' dan ir-regolament u mingħajr ma jkun suġġett għall-obbligu ta' ttikkettar previst fl-Artikolu 16(6) tiegħu.

36 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandha ssir distinzjoni bejn id-dritt tal-operaturi ekonomiċi li jesportaw il-prodotti tagħhom u dak li jibbenefikaw minn rifużjoni fuq l-esportazzjoni, liema fatt ifisser li l-operazzjonijiet ta' esportazzjoni ma jagħtux neċessarjament lok għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Nowaco Germany, C-353/04, EU:C:2006:522, punti 35 u 36).

37 Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet previsti fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009, fejn ma jirriżultax mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni huma sodisfatti f'dan il-każ, l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 28(1) ta' dan ir-regolament jissuġġettaw l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għar-rekwiżit li l-prodotti li għandhom jiġu esportati jkunu ta' "kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq", liema fatt jeħtieġ li dawn il-prodotti jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq fit-territorju tal-Unjoni taħt kundizzjonijiet normali.

38 In-natura kummerċjalizzabbli ta' prodott "taħt kondizzjonijiet normali" hija element inerenti għall-kunċett ta' "kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq" (sentenzi tas-26 ta' Mejju 2005, SEPA, C-409/03, EU:C:2005:319, punt 26, u tal-1 ta' Diċembru 2005, Fleisch-Winter, C-309/04, EU:C:2005:732, punt 21). Prodott li ma jistax jitqiegħed fis-suq fit-territorju tal-Unjoni taħt kundizzjonijiet normali u taħt l-indikazzjoni li tidher fit-talba għall-għoti ta' rifużjoni ma jissodisfax dan ir-rekwiżit (sentenzi tas-26 ta' Mejju 2005, SEPA, C-409/03, EU:C:2005:319, punt 22, u tal-1 ta' Diċembru 2005, Fleisch-Winter, C-309/04, EU:C:2005:732, punt 20).

39 F'ċirkustanzi bħal dawn, ma huwiex possibbli li jingħataw risposti separati għall-ewwel u għat-tieni domandi preliminari. Meta t-tiġieġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkunx jista' jitqiegħed fis-suq "taħt kondizzjonijiet normali" fit-territorju tal-Unjoni, dan lanqas ma jkun jissodisfa r-rekwiżit ta' "kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq". Min-naħa l-oħra, jekk il-prodotti jistgħu jitqiegħdu fis-suq fit-territorju tal-Unjoni "taħt kondizzjonijiet normali", il-"kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq" tagħhom għandha tiġi rrikonoxxuta.

40 Konsegwentement, għandu jiġi ddeterminat jekk it-tqegħid fis-suq ta' laħam tat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr fil-kuntest tal-qafas derogatorju previst fl-Artikolu 16(6) tar-Regolament Nru 543/2008 huwiex imwettaq "taħt kondizzjonijiet normali" jew le.

41 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandu jiġi eżaminat jekk lott ta' tjur jistax jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni "taħt kondizzjonijiet normali" abbażi tar-rekwiżiti li jinsabu fl-imsemmi regolament li jirrigwardaw direttament il-kwalità tal-prodotti, u mhux abbażi tar-rekwiżiti li għandhom biss bħala għan li jinformaw lill-konsumatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Nowaco Germany, C-353/04, EU:C:2006:522, punt 38).

42 Skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament Nru 543/2008, meta lott ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jirriżulta li ma huwiex konformi ma' dan ir-regolament, minħabba li jinqabżu l-limiti aċċettati tal-kontenut ta' ilma, l-awtorità kompetenti għandha tħares sabiex l-imballaġġi individwali u l-imballaġġi kollettivi kkonċernati jinkludu strixxa jew tikketta bl-indikazzjoni f'ittri kapitali ħomor "Il-kontenut ta' l-ilma superjuri għal-limitu KE". Din l-indikazzjoni għandha titqiegħed f'parti li tispikka sabiex tkun viżibbli faċilment, tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar. L-ittri għandhom ikunu għoljin tal-inqas ċentimetru fuq l-imballaġġi individwali u żewġ ċentimetri fuq l-imballaġġi kollettivi.

43 Dan it-trattament u dawn l-indikazzjonijiet obbligatorji ma humiex intiżi biss sabiex jinformaw lill-konsumaturi, iżda jservu bħala avviż, billi jindikawlhom li l-kwalità tal-prodotti kkonċernati ġie affettwat u għaldaqstant li l-merkanzija hija ta' kwalità inferjuri.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-prodotti ttrattati u indikati konformement mal-Artikolu 16(6) tar-Regolament Nru 543/2008 ma jistgħux jitqiesu li jistgħu jitqiegħdu fis-suq "taħt kondizzjonijiet normali" fit-territorju tal-Unjoni u ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' "kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq".

45 Konklużjoni bħal din ma hijiex tali li tiġi invalidata mill-fatt li l-prodotti inkwistjoni huma, barra minn hekk, konformi mar-regolamentazzjonijiet tas-saħħa.

46 Konsegwentement, jeħtieġ li r-risposta għall-ewwel u għat-tieni domandi tkun li l-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr li l-kontenut ta' ilma tiegħu jaqbeż il-limiti ffissati mir-Regolament Nru 543/2008 ma jistax jitqiegħed fis-suq taħt kundizzjonijiet normali fit-territorju tal-Unjoni u ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' kwalità tajba u ġusta, jitqiegħed fis-suq, anki jekk ikun akkumpanjat b'ċertifikat ta' ikel tajjeb għas-saħħa maħruġ mill-awtorità kompetenti.

Fuq ir-raba' domanda

47 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 543/2008 għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi obbligu fuq l-Istati Membri li jadottaw modalitajiet prattiċi fil-qasam tal-kontroll tat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr intiż li jiġi esportat bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni u li, fl-assenza ta' adozzjoni ta' tali modalitajiet prattiċi, il-kontrolli mwettqa bil-għan tal-esportazzjoni ma jistgħux jiġu invokati kontra l-impriżi kkonċernati.

48 Fil-każ fejn jinsabu inkwistjoni s-sussidji finanzjarji fuq l-esportazzjoni ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr barra mill-Unjoni, l-uffiċċju doganali ta' esportazzjoni għandu l-obbligu li jħares, konformement mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Nru 1276/2008, sabiex l-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009 jiġi osservat. Jekk dan l-uffiċċju jesprimi dubji fir-rigward tal-"kwalità tajba u ġusta biex [jitqiegħed] fuq is-suq" tal-prodott esportat, huwa għandu l-obbligu li jivverifika l-konformità tal-prodott mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli.

49 Peress li l-osservanza tal-kontenut massimu ta' ilma tat-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr, prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 543/2008, tikkostitwixxi kundizzjoni sabiex dan il-laħam ikun jista' jitqies li huwa ta' "kwalità tajba u ġusta biex [jitqiegħed] fuq is-suq", fis-sens tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 612/2009, il-metodi għad-determinazzjoni ta' dan il-kontenut deskritti mill-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008 għandhom jiġu implementati sabiex jiġi kkontrollat jekk din il-kundizzjoni hijiex sodisfatta.

50 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni ta' rinviju ma tinkludi ebda element tali li juri li t-tekniki u l-metodi previsti fl-imsemmija annessi ma jippermettux li jsiru kontrolli b'mod xieraq.

51 Hekk kif jirriżulta mill-punt 23 ta' din is-sentenza, l-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008 huma preċiżi biżżejjed biex jitwettqu kontrolli ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr intiżi li jiġu esportati bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

52 Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ li r-risposta għar-raba' domanda tkun li peress li l-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008 huma suffiċjentement preċiżi biex isiru kontrolli tat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr intiż li jiġi esportat bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni, l-assenza ta' modalitajiet prattiċi, li l-adozzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament, ma tfissirx li dawn il-kontrolli ma jistgħux jiġu invokati kontra l-impriżi kkonċernati.

Fuq il-ħames domanda

53 Permezz tal-ħames domanda, il-qorti ta' rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 543/2008 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt li tintalab analiżi kontradittorja prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika għall-kontrolli mwettqa bil-għan tal-esportazzjoni ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

54 Peress li, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 543/2008, il-kontrolli tal-kontenut ta' ilma tat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr imsemmi fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament ma għandhomx isiru għall-karkassi meta jiġi stabbilit li dawn ikunu intiżi esklużivament għall-esportazzjoni, l-Artikolu 16(5) tal-imsemmi regolament ma huwiex rilevanti f'dan il-każ. Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċeduri ta' eżami tal-merkanzija intiża li tiġi esportata barra mill-Unjoni huma previsti mill-Kodiċi doganali.

55 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-esportatur u dawk tal-awtorità doganali nazzjonali fir-rigward tal-eżamijiet tal-prodotti esportati li jwasslu għad-dritt tal-għoti ta' rifużjonijiet fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Nowaco Germany (C-353/04, EU:C:2006:522).

56 Hija kkonstatat, speċifikament fir-rigward tal-kontrolli tal-operazzjoni ta' esportazzjoni li twassal għal dritt għal rifużjonijiet, li r-regolamentazzjoni tal-Unjoni tipprevedi tip ta' kooperazzjoni bejn l-esportatur u l-awtorità doganali nazzjonali, sabiex dawn il-kontrolli jitwettqu korrettament [ara, fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 179), sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Nowaco Germany, C-353/04, EU:C:2006:522, punt 63].

57 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li l-Kodiċi doganali kien jipprovdi b'mod partikolari, fl-Artikolu 118(2) tiegħu u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tiegħu, li l-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni doganali kellu d-dritt jassisti jew li jkun irrappreżentat għall-eżami tal-merkanzija jew għat-teħid ta' kampjuni u li huwa seta' jitlob eżami jew teħid ta' kampjuni addizzjonali tal-merkanzija meta kien iqis li r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ma kinux validi.

58 B'hekk, il-Kodiċi doganali jiżgura lill-operaturi ekonomiċi dritt paragunabbli għal dak previst fl-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 543/2008.

59 Indipendentement mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 118(2) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tal-Kodiċi doganali, jeħtieġ li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn l-esportatur jiżgura dejjem b'mod espliċitu jew impliċitu l-eżistenza ta' "kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq" meta jagħmel talba għal rifużjoni, huwa għandu juri skont ir-regoli ta' prova tad-dritt nazzjonali li din il-kundizzjoni effettivament ġiet issodisfatta fil-każ fejn ikun hemm dubji fir-rigward tad-dikjarazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005, Fleisch-Winter, C-309/04, EU:C:2005:732, punt 35).

60 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li mill-kliem tiegħu jirriżulta b'mod ċar li dan ma huwiex indirizzat lill-Istati Membri, iżda biss lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-organi tal-Unjoni (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses, C-419/14, EU:C:2015:832, punt 83), ma huwiex rilevanti fil-kawża prinċipali.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li r-risposta għall-ħames domanda tkun li l-esportatur ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jista', konformement mal-Artikolu 118(2) u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tal-Kodiċi doganali, minn naħa, jassisti personalment jew ikun irrappreżentat għall-eżami tal-merkanzija jew għat-teħid ta' kampjuni u, min-naħa l-oħra, jitlob eżami jew teħid ta' kampjuni addizzjonali tal-imsemmija merkanzija jekk huwa jqis li r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ma humiex validi.

Fuq l-ispejjeż

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-eżami tat-tielet domanda ma jiżvela ebda element tali li jaffettwa l-validità tal-limiti ta' kontenut ta' ilma tal-laħam tat-tiġieġ iffriżat iddefiniti fl-Artikolu 15(1) u fl-Annessi VI u VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE)**

Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1239/2012, tad-19 ta' Diċembru 2012.

2) **L-Artikolu 28(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009, tas-7 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2011, tat-23 ta' Frar 2011, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr li l-kontenut ta' ilma tiegħu jaqbeż il-limiti ffissati mir-Regolament Nru 543/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1239/2012, ma jistax jitqiegħed fis-suq taħt kundizzjonijiet normali fit-territorju tal-Unjoni u ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' kwalità tajba u ġusta jitqiegħed fis-suq, anki jekk ikun akkumpanjat b'ċertifikat ta' ikel tajjeb għas-saħħa maħruġ mill-awtorità kompetenti.**

3) **Peress li l-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1239/2012, huma suffiċjentement preċiżi biex isiru kontrolli tat-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr intiż li jiġi esportat bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni, iċ-ċirkustanza li Stat Membru ma ddeċidiex il-modalitajiet prattiċi, li l-adozzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament, ma tfissirx li dawn il-kontrolli ma jistgħux jiġu invokati kontra l-impriżi kkonċernati.**

4) **L-esportatur ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jista', konformement mal-Artikolu 118(2) u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi doganali modernizzat), minn naħa, jassisti personalment jew ikun irrappreżentat għall-eżami tal-merkanzija jew għat-teħid ta' kampjuni u, min-naħa l-oħra, jitlob eżami jew teħid ta' kampjuni addizzjonali tal-imsemmija merkanzija jekk huwa jqis li r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ma humiex validi.**

Firem